**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 14 ta' Lulju 2021

Rikors Numru: 111/2015/1 AL

**AB**

**vs**

**CB**

**(Att taz-Zwieġ bin-Numru Progressiv 527/2005)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-konvenut li permezz tiegħu ppremetta:[1]

*Illi l-partijiet fl-ismijiet premessi huma mizzewġin b'dan li r-regime applikabbli ghaz-zwieġ tagħhom huwa dak tal-komunjoni tal-akkwisti;*

[1] Fol. 2

*Illi l-proċeduri odjerni ta' separazzjoni ilhom li nbdew mis-sena 2015 u l-partijiet ilhom separati de facto sa mis-sena 2018;*

*Illi iz-zewġ ulied tal-partijiet, huwa u ma hemm l-ebda kwistjoni stante li l-esponenti dejjem ħallas għal kull bzonnijiet tal-istess minuri;*

*Illi xhur ilu l-esponenti talab lir-rikorrenti, taqbilx li ssir is-separazzjoni tal-beni stante il-fatt li ilhom snin sħaħ separati de facto. L-esponenti baqa' qatt ma ħa risposta mingħand l-intimata;*

*Illi l-esponenti jirrileva li jkun ġust, ekwu u prattiku li qabel a jgħaddu aktar snin, għandu jkun hemm cut-off date li jkun il-linja li timmarka b'mod ċar u tond fejn bdiet u spiċċat il-komunjoni tal-akkwisti;*

*Illi jiġi rilevat ukoll li tali talba qiegħda ssir f'dan l-istadju tal-proċeduri meta diġa' tressqu r-rapprezentanti tal-Banek kollha sabiex jixhdu fir-rigward tal-kontijiet f'isem l-esponenti, biex ikun hemm parametri ċari taz-zmien li fuqu l-partijiet għandhom iressqu l-prov tagħhom għaliex jekk il-partijiet jistennew is-snin sakemm jinġabru l-provi kollha jew il-maġġor parti tagħhom u jintavolaw talba ta' din ix-xorta aktar 'il quddiem, fil-verita' l-proċess odjern ser tkun mgħobbi b'enkartamet zejjed, volomuniz għal xejn li mix-xorta tiegħu ser ifixkel l-andament tal-istess kawza minflok ikun ta' aktar għajnuna jew prattiku;*

*Illi għalhekk it-talba odjerna sabiex ikun hemm dikjarazzjoni ta' waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet qiegħda ssir proprju f'dan l-istadju u dan stante wkoll li ħadd mill-partijiet m'hu ser jiġi preġudikat b'tali talba għaliex:*

1. *Il-partijiet għandhom introjtu tagħhom b'dan li r-rikorrenti għadha sal-lum qatt ma ddikjarat kemm hu tali introjtu u naturalment peress li l-partijiet jgħixu ħajja separata, l-esponent m'għandu ebda idea tal-istess u qatt ma igħata xi sehem mill-istess introjtu;*

2. *L-esponenti qed jitlob biss dikajrazzjoni ta' terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethon stante li jifhem (u hekk hu xieraq) li l-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti ssir mas-*

*sentenza finali tal-istess partijiet tenendo kont tat-talbiet, l-eċċezzjonijiet u t-tort li ser jirrizulta fl-istess kawza;*

3. *Il-perjodu li fuqu l-partijiet rispettivi ser iressqu l-provi tagħhom ser ikun dikjarat mill-bidu nett u għalhekk il-proċess tal-ġbir tal-provi ser ikun aktar veloċi, prattiku u effiċjenti bil-għan li anke l-istess ġbir tal-provi ma jkunx daqstant twil u l-partijiet ikunu jistgħu jerġgħu jibdew paġna ġdida;*

4. *Illi zgur li jista' jingħad li l-m'hemm ebda prospett li l-partijiet jirrikonċiljaw;*

*Illi f'dan l-istadju l-esponent jixtieq jirrileva li din l-Onorabbli Qorti dejjem irriteniet li tali talba, preċizament bħal din li qed issir permezz tar-rikors odjern għandha tintlaqa' sakemm ma jkunx hemm prova ta' preġudizzju mhux proporzjonat għal xi waħda mill-partijiet. Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet Lorraine Farrugia vs Anton Farrugia (210/2008 AL) fejn din l-Onorabbli Qorti minkejja li l-intimat ma kienx jaħdem xorta waħda laqgħet it-talba għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti għaliex ġie dikjarat is-segwenti:*

*"Il-qorti tara li fiċ-ċirkustanzi, tenut kont tal-fatt li jidher li l-piż finanzjarju kollu tpoġġa fuq ir-rikorrenti, l-fatt li l-intimat ma jistax jaħdem minħabba lmard tiegħu, l-fatt li l-istess intimat għandu introjtu zgħir immens li faċilment jista' jwasslu sabiex jagħmel id-dejn ma' terzi u konsegwentement jiggrava l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom b'mod li jkun jippreġudika liżjed lir-rikorrenti, din il-qorti tasal biex tikkonkludi li ma jkun hemm ebda preġudizzju mhux proporzjonat f'każ li jkun hemm il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom f'dan l-istadju."*

*L-esponent umilment jirrileva li ġialadarba din l-Onorabbli Qorti laqgħet talba simili għal dik li qed issir permezz tar-rikors oderjn fejn parti waħda lanqas biss kienet taħdem, kemm għandha tilqa' t-talba odjerna meta r-rikorrenti għandha impieg u qed tgħix ħajja kompletament separata mill-esponenti?*

*Illi għalhekk, l-esponenti umilment jissottometti li tħares minn fejn tħares lejn it-talba odjerna, fil-verita' m'hemm ebda preġudizzju għal xi parti jew oħra li jkun hemm dikjarazzjoni ta' waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejniethom. Anzi ser*

*jirriżulta li tali preġudizzju jseħħ u jkompli jikber f'każ li l-partijiet jibqgħu bl-status quo bejniethom u ċioe' bir-regime tal-komunjoni tal-akkwisti;*

*Għaldaqstant, abbażi ta' dak suespost, ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u dan taħt kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkun xieraq u opportun fiċ-ċirkustanzi.*

Rat ir-risposta tal-attriċi AB,[2] fejn ġie eċċepit:

1. *Illi l-esponenti qed topponi bil-qawwa ghat-talba ta' zewgha kif dedotta fir-rikors tieghu tal-21 ta' Mejju 2021 u dan ghar-ragunijiet li ser isegwu;*

2. *Illi mhux kontestat li bejn il-partijiet illum m'ghad fadal ebda cans ta' rikonciljazzjoni, izda assolutament mhux minnu l-fatti kif elenkati fir-rikors ta' CB;*

3. *Illi jirrizulta li fl-ahhar xhur, il-konvenut ghazel li jitlaq mid-dar konjugai u jmur jirrisjedi mal-partner attwali tieghu; madanakollu huwa ghadu jidhol fid-dar konjugali meta jfettilu u kull meta jidhol fl-istess residenza huwa joqghod jitkellem hazin u anke johloq kommossjoni shha ghalxejn u dan anke a skapitu tal-minuri Matthias;*

4. *Illi kif gie spjegat precedentement il-wild Matthias kien marad bil-maningite, b'konsegwenza ta' liema huwa llum huwa dizabbli u jiddependi totalment minn omu r-rikorrenti; anke l-ghaliex illum huwa la jitkellem, la jara u lanqas jimxi u dana stante li l-maningite affettwatlu mohhu u dank if juri l-inkartament li gie prezentat precedentament, inkluz l-inkartament voluminuz prezentat mir-rapprezentant tal-isptar Mater Dei;*

5. *Illi jingħad li l-konvenut, kif gie pruvat anke mix-xhieda ta' social workers, u gruppi ohra ta' sostenn bhal Dar il-Kaptan, ma jinvolvix ruhu fit-trobbija tal-ulied u lanqas jiehu interess fl-istess ulied u lkoll ikkonfermaw li prattikament hija biss l-Omm li tiehu hsieb b'mod esklussiv lill-wild Matthias u kull bzonn li huwa jkollu f'kull gurnata ta' hajtu;*

---

[2] Fol. 6.

6. *Illi fil-fatt illum il-wild, li huwa guvnott, jizen 45 kilo, u l-esponenti m'ghadhiex tifilhu wahidha, tant li anke biex tkun tista' taghmillu affarijiet bazici bhal tahslu, hija irrikoriet ghall-ghajnuna ta' ghaqdiet appoziti li jaghtu s-sapport lill-familji bhal tal-esponenti, biex tkun tista' tinstalla' stretcher fil-kamra tal-banju, fejn hija tkun tista' tpoggi lit-tifel biex tahslu. F'dik l-okkazjoni hi wkoll kellha titlob l-intervent ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tkun tista' taghmel xogholijiet fil-kamra tal-banju biex il-wild ikun moqdi u komdu ghax bhas-soltu l-missier oppona ghal kollox;*

7. *Illi ghalhekk bir-rispett hija dahka fil-wicc li llum lil din l-Onorabbli Qorti jsostni maghha illi huwa dejjem refa' l-piz tal-ulied. Bhala stat ta' fatt huwa jivversa l-manteniment mensili, minhabba konsegwenzi kriminali, izda meta jaslu ghall-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-ulied (b'mod partikolari ta' Matthias), il-konvenut ma jikkontribwixix u fil-fatt anke hemm arretrati f'dan ir-rigward;*

8. *Illi bizzejjed jinghad li fl-ahhar granet inkiser l-istretcher tal-wild N, li jintuza biex huwa jkun jista' jigi mahsul. Il-konvenut ghazel li ma jhallasx ghall-istess u fil-fatt ghal darb' ohra kienet l-esponenti li refghet l-ispiza ta' Eur 90 wahidha biex l-istretcher gie msewwi u biex l-iben ikun jista' jinhasel!*

9. *Illi dan il-konvenut ma jaghmlux ghax ma jistax ihallas, izda biex jiskapricca lill-martu u fuq kollox lill-ulied. Jigi mfakkar li l-konvenut oltre l-full time tieghu mal-Istamperija ta' Malta, jiggestixxi negozju ta' ambulanzi fuq bazi part-time (liema dawwar fuq missieru kif inbdew l-proceduri odjerni!);*

10. *Illi jinghad ukoll li fl-ahhar zminijiet huwa akkwista tliet vetturi godda u kull nhar ta' Sibt qed idur b'BMW u dan oltre l-hajja ta' xalar li huwa qed jghix; filwaqt li martu l-esponenti tara kif se taghmel biex tghaddi minn xahar ghall-iehor stante li minhabba l-kundizzjoni tal-wild Matthias hija ma tistax tahdem ghax dan huwa totally dependent;*

11. *Illi mhux kontestat illi dhul tal-kontendenti huwa sproporzjonat u fil-fatt filwaqt li l-esponenti tiddependi fuq il-manteniment u ftit ghajnuna socjali moghtija mill-istess, il-konvenut ghandu baqa' sostanzjali mill-Istamperija tal-Gvern kif ukoll dhul sostanzjali iehor mill-operat tal-ambulanzi. Tali*

*introjtu jifforma parti mill-kounjoni tal-akkwisti, u jekk ikun hemm xoljiment tal-komunjoni, l-esponenti ser tkun qed titlef sehemha minn tali introjtu u jekk hemm xi had mill-partijiet li fattwalment ser ikollu jiddejjen hija l-esponenti biex taghti hajja denja lill-binha u mhux il-konvenut!*

12. *Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza Carmen Grixti vs Ivan Grixti deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Jannar 2021, f'liema inghad illi: "Il-Qorti tosserva li huwa minnu li fiz-zwieg fejn jeżisti r-reġim tal-kommunjoni, l-partijiet huma soċji indaqs, izda huwa minnu wkoll li bis-separazzjoni anke de facto s-sitwazzjoni tal-partijiet tinbidel partikolarment bhal filkaz prezenti fejn il-firda de facto tkun ilha zmien tezisti bejn il-partijiet. Pero` fil-każ tal-lum ma jidhirx li l-firda de facto ilha xi żmien twil. Kull każ ikollu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu u l-Qorti għandha tiddeċiedi skont il-fatti tal-każ li jkollha quddiemha"; u ghaddiet biex cahdet it-talba ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti.*

13. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u b'zieda mal-istess jinghad ukoll, illi kemm-il darba tigi xolta l-kommunjoni jista' ikun hemm diffikulta' ghal kwalsiasi hlas li dina l-Onorabbli Qorti  tista' takkorda favur l-esponenti, fi krediti kemm ghall-benefikati parafernali kif ukoll ghall-krediti konsegwenti t-tortijiet, li certament ser jigu attribwibbli lill-konvenut dan l-ghaliex bhalma ben tghallimna din l-Onorabbli Qorti entitajiet ohra, bhal banek dejjem jikklassifikaw qabel il-konjugi f'kaz ta' irkupru ta' flus;*

*Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti a savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, filwaqt li topponi ghat-talba kif dedotti mill-konvenut fir-rikors tieghu tal-21 ta' Mejju 2021 u dan anke ai termini tal-Artikolu 55(4) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat illi r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.[3]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

[3] Fol. 14.

## 1. L-Azzjoni Odjerna:

Il-Qorti għandha quddiemha talba min-naħa tal-konvenut Jason Mark Ciantar sabiex pendenti l-kawza bejn il-partijiet tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom, hekk kif l-attur jallega illi ħadd mill-partijiet m'hu ser jiġi preġudikat stante li: (i) l-partijiet għandhom l-introjtu tagħhom, (ii) tali talba mhux ser taffetwa l-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-assi in vista li dawn ser jiġu deċizi fis-sentenza finali, (iii) il-proċess tal-provi ser ikun aktar veloċi, prattiku u effiċjenti, u (iv) ma hemm l-ebda prospett li l-partijiet jirrikonċiljaw.

Min-naħa l-oħra l-attriċi topponi għat-talbiet kollha tal-konvenut minħabba allegat preġudizzju sproporzjonat illi ser issofri f'kaz li l-Qorti tilqa' t-talbiet kif dedotti u dan abbazi tal-fatt illi: (i) l-attriċi ma tistax taħdem minħabba li binha huwa dipendenti fuqha, (ii) id-dħul tal-partijiet huwa sproporzjonat għall-aħħar, (iii) l-attriċi ser titlef sehemha mill-introjtu ta' zewġha, u (iv) jaf ikun hemm diffikulta' għal kwalsiasi ħlas ta' flus.

## 2. Prinċipji Legali:

F'dan l-istadju l-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 55 subinċiz 1 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jagħtiha l-fakolta' li f'kull zmien matul is-smigħ tal-kawza ta' firda personali, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata. L-istess Qorti trid neċessarjament tevalwa jekk xi waħda mill-partijiet tkunx ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi s-segwenti:

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien talkomunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-partijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

In sintezi, l-iskop tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiġi delinejat fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**,[4] fejn ġie mgħallem illi: *"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul*

[4] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu 2014.

*is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…….t-talba għall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

Dan kompla jiġi kkonfermat riċentament fis-sentenza fl-ismijiet **Claire Pisani vs Joseph Pisani**,[5] fejn il-Qorti tal-Appell kompliet tirriafferma illi *"dak li trid il-ligi huwa li kull parti pendenti l-proceduri tas-separazzjoni jkollha l-fakolta` li jekk trid tista' titlob il-waqfien tal-komunjoni u li din it-talba m'ghandhiex tintlaqa' biss jekk il-Qorti tara li bil-waqfien tal-komunjoni parti jew ohra tkun ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat. Ghalhekk dak li hu sostanzjalment relevanti huwa d-dritt moghti lill-parti biex jaghmel talba simili u li tali talba ma tintlaqax jekk fic-cirkostanzi tal-kaz il-waqfien ser jikkaguna pregudizzju mhux proporzjonat lil parti l-ohra".*

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Dorianne Sammut vs Charles Sammut**,[6] fejn kompla jiġi affermat illi: *"Fi kliem iehor il-pregudizzju irid ikun sproporzjonat fis-sens li mhux kull pregudizzju jaghti lok ghal cahda ghat-talba in kwistjoni. Huwa evidenti ukoll li l-ghan tal-legislatur, certament konxju kemm jistghu jitwalu vertenzi simili, kien li tieqaf kemm jista' jkun malajr il-komunjoni tal-akkwisti biex ghall-inqas f'dan l-aspett, il-partijiet ikunu jistghu ikomplu jghixu hajjithom separatament gialadarba l-konvivenza bejniethom mhijiex aktar possibli. L-appellanti gia kellha erba' snin qabel id-decizjoni appellata (u issa sitt snin) biex tressaq il-provi taghha u din il-Qorti hija konsapevoli ukoll ta' kemm idumu ghaddejjin dawn il-vertenzi hafna drabi minhabba lusingar tal-partijiet biex iressqu l-provi kollha taghhom".*

## 3. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:

Il-Qorti hija marbuta permezz tal-Artikolu 55 subinċiż 4 tal-Kodiċi Ċivili li, qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, hija għandha tezamina u tara jekk xi parti jew oħra tkunx sejra tbati xi preġudizzju mhux proporzjonat b'tali waqfien

[5] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-24 ta' Ottubru 2019.
[6] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Mejju 2019.

pendenti l-kawza. Għaldaqstant il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tagħmel dan l-ezerċizzju.

Fil-fehma tal-Qorti jidher illi l-argumenti mressqa mill-attriċi sabiex toġġezzjona għat-talba tal-konvenut għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti huma erbgħa (4), ċjoe': (i) l-attriċi ma tistax taħdem minħabba li binha huwa dipendenti fuqha, (ii) id-dħul tal-partijiet huwa sproporzjonat għall-aħħar, (iii) l-attriċi ser titlef sehemha mill-introjtu ta' zewġha, u (iv) jaf ikun hemm diffikulta' għal kwalsiasi ħlas ta' flus.

Fr-rigward tal-ewwel (1) argument imressaq mill-attriċi fir-risposta tagħha, il-Qorti tara li mill-atti ġie kkonfermat li iben il-partijiet għandu problemi ta' saħħa in vista li jbati bil-kundizzjoni ta' *Cerebral Palsy* u ta' erba' (4) snin ħakkmitu l-*Meningitis*. Għalkemm huwa minnu li iben il-partijiet għandu bzonn l-għajnuna kontinwa, madanakollu ma ġiex ippruvat sal-grad rikjest mil-liġi jekk l-attriċi hijiex f'pozizzjoni li taħdem *o meno* minħabba l-imsemmija kundizzjoni tal-iben. F'dan il-kuntest il-Qorti tara li x-xhieda ta' Caroline Grech Bonnici bħala rapprezentanta ta' Dar il-Kaptan, fejn ġie kkonfermat illi: *"Huma marru għandha qisu f'Ġunju ta' 2018 f'Dar il-Kaptan li hija respite home għal persuni b'dizabilita' u Josephine talbitha l-għajnuna sabiex ikollha ftit serħan minn Matthias. Bħala home is-servizzi li joffru huma 2, kemm respite matul il-jum li huwa day programme u kemm respite matul qisu up to a week usually. Ghamlet l-ewwel assessment u matul iz-zmien għamlet assessments oħrajn għax kien hemm bzonn li jinbidel u rat illi Matthias seta' jidħol u jibbenefika mis-servizz tagħhom u rat ukoll illi l-omm kella bzonn infatti. Dak iz-zmien l-omm kienet single mother u kienet taħdem ukoll u l-bzonnijiet ta' Matthias huma kbar ħafna tista' tgħid 24/7 hands on"*.[7]

Minn din ix-xhieda, il-Qorti tifhem illi għalkemm il-kundizzjoni ta' iben il-partijiet hija waħda li tirrikjedi attenzjoni massima, fil-verita' l-attriċi għandha disponibbli l-għajnuna neċessarja sabiex tkun tista' tleħħaq mal-bzonnijiet tat-tifel u kif ukoll mal-eziġenzi tal-ħajja personali tagħha – liema għajnuna l-attriċi diġa' tibbenefika minnha. Barra minn hekk, il-Qorti tara ukoll illi l-attriċi bdiet tibbenefika minn din l-għajnuna fl-2018, f'liema perjodu hija kienet taħdem u dan kif ikkonfermat mir-rapprezentanta ta' Dar il-Kaptan. Għalkemm mill-

[7] Fol. 800.

*employment history* tal-attriċi,[8] ipprezentata mir-rapprezentant tal-Jobsplus, ma jirrizutax illi l-attriċi kienet uffiċċjalment reġistrata li qiegħda f'impjieg, il-Qorti tifhem li l-attriċi kienet qiegħda taħdem bla ktieb tax-xogħol u b'hekk bil-wisq tissuspetta li l-allegazzjoni tal-konvenut għandha mill-verita'.[9] Barra minn hekk il-Qorti rat ukoll ic-*chatlogs* ipprezentati fl-atti bejn l-attriċi u terzi persuni,[10] fejn ġie kkonfermat ukoll illi l-attriċi taħdem. Għaldaqstant, dan l-argument ma huwiex wieħed li jreġi f'tali kuntest u ma tarax li l-attriċi ser tiġi ppreġudikata b'mod sproporzjonat.

Fir-rigward tat-tieni (2) u t-tielet (3) argumenti mressqa mill-attriċi, il-Qorti tara li dawn jistgħu jiġu trattati flimkien, liema zewġ oġġezzjonijiet fil-fehma tal-Qorti huma l-iktar relevanti ai fini tat-talba odjerna. F'dan is-sens l-attriċi tilmenta illi jekk tiġi akkolta t-talba tal-konvenut, dan tal-aħħar ser igawdi l-frott tal-ħidma tiegħu mingħajr ma jaqsam l-istess frott mal-attriċi. F'dan ir-rigward, l-attriċi tittenta tiġġustifika l-pozizzjoni tagħha billi tgħid illi tezisti diskrepanza qawwija bejn l-introjtu tagħha u dak tal-konvenut.[11] F'dan il-kuntest, din il-Qorti kellha l-opportunita' li tesprimi l-ħsibijiet tagħha f'kazijiet oħra, fejn ġie mgħallem illi:

*"Il-Qorti hija tal-fehma li dak li qed tibża' minnu l-intimata ma jikkostitwiex preġudizzju mhux proporzjonat. Din il-Qorti dejjem uriet il-fehma li huwa propju fl-ambitu u fl-iskop tal-liġi illi <u>meta l-ħajja miżżewġa tal-partijiet tispiċċa, konjuġi ma jibqax igawdi l-frott tal-ħidma tal-konjuġi l-ieħor</u>. Huwa dan l-iskop, jew wieħed mill-iskopijiet, għall-waqfien tal-komunjoni fi stadju bikri tal-proċeduri tal-firda, għaliex jista' jkun ta' preġudizzju għal konjuġi wieħed jekk il-komunjoni tal-akkwisti tibqa' viġenti u l-konjuġi l-ieħor jibqa' jgawdi l-frott tal-ħidma tal-ewwel konjuġi, minkejja li l-ħajja matrimonjali bejniethom tkun spiċċat;[12] Dana naturalment mingħajr ebda preġudizzju għal kwalsiasi manteniment li jista' jkun dovut.*

---

[8] Fol. 200, 786.
[9] Fol. 130.
[10] Fol. 62 – 125, ara *inter alia* fol. 99, 100.
[11] L-introjtu gross annwali tal-konvenut fuq bazi *full-time* mal-kumanija Actavis Ltd, skont l-FS3 għas-sena bazi 2017 hija dik ta' €24,546, a fol. 778. Madanakollu jidher li l-konvenut għandu ukoll impjieg fuq bazi *part-time* bħala ġardinar ma' John Giordmaina, izda dan ma huwiex xogħol dikjarat, u għal għoxrin (20) siegħa xogħol fix-xahar jitħallas mitt Ewro (€100), u dan kif ikkonfermat mill-konvenut stess fix-xhieda tiegħu tal-25 ta' Settembru 2020, a fol. 994 tal-proċess bin-numru 107/17 AL, u minn John Giordmaina stess fix-xhieda tegħu ta' nhar it-30 ta' Mejju 2019, a fol. 890 – 896 tal-proċess bin-numru 107/17 AL. Min-naħa l-oħra, l-introjtu gross annwali tal-attriċi bħala *sales person* ma' Leisure Stores Ltd, skont l-FS3 għas-sena bazi 2017 hija dik ta' €8,200, a fol. 832 tal-proċess bin-numru 107/17 AL.
[12] Deċiżjoni ta' din il-Qorti fil-kawża **Stephanie Attard vs. Kenneth Attard**, Rikors Numru: 188/15/2AL, deċiża fis-26 t'Ottubru 2016; kif ukoll **Pierre Darmanin vs. Louise Darmanin**, Rikors Numru: 176/16/1AL, deċiż fit-30 ta' Jannar 2017;

*M'hemm l-ebda dubju li fil-każ odjern, il-ħajja matrimonjali tal-partijiet spiċċat u llum jinsabu jgħixu indipendentement minn xulxin. Kienet l-attriċi nnifisha li rrikonoxxiet dan meta ntavolat il-proċeduri odjerni għas-separazzjoni personali tal-partijiet. Fil-fehma tal-Qorti, f'dawn iċ-ċirkostanzi fejn il-ħajja matrimonjali bejn il-partijiet spiċċat, u m'hemmx wisq prospett ta' rikonċiljazzjoni bejniethom, tant li l-medjazzjoni bejniethom ma rnexxietx, l-attriċi m'għandhiex tibqa' tippretendi nofs l-introjtu ta' żewġha u dan irrispettivament u indipendentement mill-fatt li prima facie jirriżulta li hija għandha titħallas manteniment mingħandu".*[13]

Fil-fatt jingħad illi l-Qorti tal-Appell, filwaqt li kkonfermat il-ħsieb surreferit ta' din il-Qorti, kif presjeduta, kompliet izzid illi:

*"Il-Qorti tosserva li huwa minnu li fiz-zwieg fejn jezisti r-regim tal-kommunjoni l-partijiet huma socji indaqs, izda huwa minnu wkoll li bis-separazzjoni anke de facto s-sitwazzjoni tal-partijiet tinbidel partikolarment bhal fil-kaz prezenti fejn il-firda de facto tkun ilha zmien tezisti bejn il-partijiet".*[14]

Il-Qorti rat li l-attriċi, fir-risposta tagħha, tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Carmen Grixti vs Ivan Grixti**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar l-14 ta' Jannar 2021, u tiċċita parti mill-bran ta' din is-sentenza u tittenta taġġusta l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Appell bl-iskop li taġevola l-argument tagħha fis-sens illi toħloq paragun bejn il-fattispeċji odjerni u dawk tal-kaz tal-konjuġi Grixti. Il-Qorti tal-Appell, fil-kaz tal-konjuġi Grixti, filwaqt li osservat l-insenjament kif enunċjat fis-sentenza **Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri**, iddeċediet illi l-komunjoni tal-akkwisti m'għandhiex tiġi xolta u dan in vista taċ-ċirkostanzi partikolari tal-kaz tal-konjuġi Grixti, inkluz il-fatt li ma kienx jidher li l-firda *de facto* tagħhom kienet ilha xi zmien twil. Fil-kaz odjern, l-attriċi tagħzel li tiċċita b'mod selettiv parti mis-sentenza tal-konjuġi Grixti, filwaqt li tinjora b'mod assolut il-fattispeċji partikolari ta' dak il-kaz liema fattispeċji huma intrinsikament differenti minn dawk odjerni.

[13] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri**, deċiza mill-Qorti tal-Familja, kif prejeduta, nhar il-15 ta' Marzu 2018.
[14] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar l-24 ta' Ottubru 2019.

Għaldaqstant u fil-parametri tal-insenjamenti surreferiti, il-Qorti hija konvinta li in vista li l-partijiet ilhom zmien twil jgħixu separatament minn xulxin minn kull aspett tal-ħajja, ma tarax li l-attriċi għandha tkompli tibbenefika mill-frott tal-ħidma tal-konvenut. Huwa kristallizzat illi l-ħajja mizzewġa tal-partijiet spiċċat u lanqas ma jidher li tezisti xi prospettiva ta' rikonċiljazzjoni. Il-kwistjoni li jaf hemm diskrepanza fl-introjtu, tali argument ma huwiex b'saħħtu sabiex il-komunjoni tal-akkwisti għandu ta' bilfors jibqa' jadopera, jew li jekk jitwaqqaf dan ir-reġim hija ser isofri minn preġudizzju sproporzjonat.

Finalment u fir-rigward tar-raba' (4) oġġezzjoni tal-attriċi, u ċjoe' illi *"kemm-il darba tigi xolta l-kommunjoni jista' ikun hemm diffikulta ghal kwalsiasi hlas li dina l-Onorabbli Qorti tista' takkorda favur l-esponenti"*, il-Qorti ma tarax ir-relevanza tal-istess f'dan l-istadju. Dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-assi, il-Qorti ma għandhiex il-jedd li tikkumenta dwarhom f'dan l-istadju.

Il-prinċipju kif ribadit fis-sentenzi fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi** u **Claire Pisani vs Joseph Pisani**, ċitati *supra*, u ċjoe' li min ikun qiegħed jallega li ser isofri preġudizzju mhux proporzjonat għandu jġib tali prova, għandu japplika ukoll għar-rikors odjern. Il-Qorti ma tinsabx sodisfatta li l-attriċi resqet dik il-prova sal-grad rikjest mil-liġi illi hija verament ser isofri minn preġudizzju sproporzjonat f'kaz li jitwaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti. Fis-sentenza **Jael Cassar vs Robert Cassar**,[15] ġie ritenut illi *"Eżami tal-artikolu 55(4) juri illi mhux kull preġudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni għal sentenza in parte għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalifika bħala ostakolu għall-pronunzja ta' tali sentenza. Is-sub-inċiż 4 tal-*Artikolu 55 *jipprovdi illi l-Qorti għandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati "preġudizzju mhux proporzjonat".*

Tenut kont taċ-ċirkostanzin odjerni, il-Qorti tara pjuttost illi tali terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti abbazi ta' dak dikjarat mill-konvenut fir-rikors odjern, ser tkun ta' benefiċċju għaz-zewġ partijiet. Għalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li effettivament jekk il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-konvenut ebda mill-partijiet mhu ser isofri xi preġudizzju mhux proporzjonat u dan peress li kif diġa' ġie premess iktar 'il fuq, kull parti tista' tkompli tressaq l-provi rigward l-assi, kemm dawk

[15] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-3 ta' Diċembru 2013.

parafernali u kif ukoll dawk appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, fejn konsegwentament il-Qorti tgħaddi sabiex tipprovdi rigward dan fis-sentenza finali meta tigi biex tillikwida u tassenja l-assi formanti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, wara li jkunu nġabru l-provi kollha.

Il-Qorti tirrienfasizza li *"il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghall-futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qedghin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici"* u dan kif ġie mgħallem fis-sentenza fl-ismijiet **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell**.[16] Dak li kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, għad irid jiġi deċiż, likwidat u assenjat mill-Qorti fid-deċizjoni finali tagħha wara l-ġbir tal-provi kollha.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u fir-rigward tar-rikors odjern, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċċiedi billi tilqa' talba u tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet b'mod immedjat u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili, fejn tali terminazzjoni jkollha effett skont is-subinċiz 3 tal-istess artikolu tal-liġi; tordna illi r-reġim matrimonjali li għandu japplika bejn il-partijiet mill-ġurnata li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat huwa dak tas-separazzjoni tal-beni; tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi zmien ġimgħa minn mindu din is-sentenza preliminari tgħaddi in ġudikat, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-istess sentenza sabiex ikun jista' jirreġistraha ai termini tal-Artikolu 55 subinċiz 5 tal-Kodiċi Ċivili.

L-ispejjez ta' din is-sentenza *in parte* jibqgħu rizervati għall-ġudizzju finali.

[16] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Ottubru 2015.